**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-28 TA' FRAR, 2023**

**Kawża Numru: 6**

**Rik. Ġur. 494/2020 RGM**

**Dottor Michelle Tabone (K.I. 138371M) fil-kwalità tagħha ta' Ekonomu tal-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, Amministratur tal-Entijiet Ekkleżjastiċi Djoċesani kollha f'Malta għan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Provvidenza, Siġġiewi (VO 1066) kif ukoll għan-nom u fl-interess tal-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu, Gżira**

**vs.**

1. **Geoffrey-James Falzon (K.I. 525472M), u**
2. **Claudette Falzon nee Fava (K.I. 16777M)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

1. Rat li b'rikors maħluf tal-25 ta' Ġunju 2020 l-attriċi nomine ppremetiet li Alfred Mercieca miet fit-12 ta' Novembru 2011 u skont il-Ħames Artiklu tal-

aħħar testment sigriet tiegħu redatt quddiem in-Nutar Henri Vassallo u li jġieb id-data tat-30 t'April 2009 ħalla bħala werrieta lill-konvenuti. Fissret ukoll li bit-Tielet Artikolu tal-istess testment, Alfred Mercieca ħalla b'legat sebat elef ewro (€7,000) lill-Parroċċa tal-Gżira, il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu kif ukoll bir-Raba' Artikolu ħalla b'titolu ta' legat terz tal-flus li kellu depożitati fil-banek lokali fid-data ta' mewtu lid-Dar tal-Provvidenza, Siġġiewi. Ġie premess li nonostante li l-konvenuti ġew interpellati sabiex isir il-ħlas ta' dawn il-legati, huma baqgħu inadempjenti. B'din l-azzjoni l-attriċi nomine qiegħda għalhekk titlob lil din il-Qorti:

i. "Tiddikjara illi l-konvenuti bħala l-eredi ta' Alfred Mercieca, għandhom l-obbligu li jħallsu l-legati mniżżla fit-Testment in atti Nutar Dottor Henri Vassallo datat 30 ta' April, 2009;

ii. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi Parroċċa tal-Gżira, il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, is-somma ta' sebat elef Ewro (€7,000.00) flimkien mal-imgħax legali mit-12 ta' Novembru, 2011 sad-data tal-pagament effettiv, skont it-Tielet artiklu tat-Testment ta' Alfred Mercieca in atti Nutar Dottor Henri Vassallo datat 30 ta' April, 2009;

iii. Tillikwida t-terz tal-flus kollha li kellu depożitati Alfred Mercieca fil-Banek Lokali fid-data ta' mewtu flimkien mal-imgħax legali mit-12 ta' Novembru, 2011 sad-data tal-pagament effettiv, skont it-Tielet artiklu tat-Testment ta' Alfred Mercieca in atti Nutar Dottor Henri Vassallo datat 30 ta' April, 2009;

iv. Tikkundanna lill-konvenuti iħallsu lill-attriċi Dar tal-Provvidenza s-somma likwidata, in forza tat-talba preċedenti, bħala t-terz tal-flus kollha li kellu depożitati Alfred Mercieca fil-Banek Lokali fid-data ta' mewtu flimkien mal-imgħax legali mit-12 ta' Novembru, 2011 sad-data tal-pagament effettiv, skont it-Tielet artiklu tat-Testment ta' Alfred Mercieca in atti Nutar Dottor Henri Vassallo datat 30 ta' April, 2009;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Ittra Uffiċċjali numru 656/2019, bir-riżerva għall-kwalsiasi azzjoni oħra spettanti lill-attriċi nomine, kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni."

2. Fir-risposta ġuramentata tagħhom tal-10 t'Awwissu 2020, il-konvenuti eċċepew li l-attriċi nomine naqset milli tippreżenta digriet jew awtorizżazzjoni li jagħtuha d-dritt li tistwixxi l-proċeduri odjerni. Eċċepew ukoll li huma qatt ma ċaħdu li hemm legat dovut lill-Parroċċa tal-Gżira u lid-Dar tal-Provvidenza u għalhekk skonthom il-kawża ma kinitx neċessarja u hija intempestiva. Fil-mertu eċċepew li huma ma jopponux għall-ewwel talba. Fil-kumplament jeċċepixxu li l-imgħaxijiet m'għandhomx jibdew jidekorru mid-data tal-mewt tat-testatur stante li sal-21 ta' Marzu 2017 kien hemm inċertezza dwar il-validità tat-testmemt ta' Alfred Mercieca stante li kienu ġew intavolati proċeduri jikkontestaw il-validita tal-aħħar testment ta' Alfred Merċieca. Eċċepew ukoll fir-rigward tat-tielet talba li ma tistax isir talba għal interessi mid-data tal-mewt stante li t-talba qiegħda ssir għal ammont da liquidarsi.

3. Rat il-provi kollha li ressqu l-partijiet.

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-attriċi fit-13 ta' Lulju 2022[1] kif ukoll tal-konvenuti li ġiet ippreżentata fis-6 ta' Settembru 2022[2].

5. Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi.**

6. B'testment tat-30 t'April 2009 quddiem in-Nutar Dr. Henri Vassallo, Alfred Merceica wera x-xewqa fit-Tielet Artikolu li "ihalli b'titolu s-somma ta' sebat elef Euro (€7,000), sabiex isirlu quddies kemm jista' jkun kull gimgha skond l-elemozina "pro tempore" korrenti fil-Parrocca tal-Gzira, il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu."[3] Fir-Raba' Artikolu imbagħad wera x-xewqa li jħalli "b'titolu ta' legat lid-Dar tal-Providenza tas-Siggiewi, terz tal-flus kollha li jkollu depositati fil-Banek lokali wara li jittiehdu s-somom mhollija b'titolu ta' legat f'Artikolu numru tlieta u erbgha."[4] Finalment huwa ħalla lill-

[1] Fol 195 et seq tal-proċess.
[2] Fol 208 et seq tal-proċess.
[3] Fol 25 tal-proċess.
[4] Fol 26 tal-proċess.

konvenuti bħala l-eredi universali tiegħu. Fit-Tieni Artikolu ħalla b'titolu ta' legat is-somma ta' €4,600 sabiex jagħmlu tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-funeral tiegħu.

7. Alfred Mercieca miet fit-12 ta' Novembru 2011. Ġara li fil-11 t'April 2012, ħut Alfred Mercieca intavolaw proċeduri quddiem il-Prim'Awla jikkontendu li meta ħuhom għamel it-testment tat-30 t'April 2009, ħuhom ma kienx jippossjedi l-fakultajiet mentali kollha tant li huwa kien ilu taħt kura psikjatrika u baqa' hekk sakemm miet. Kien għalhekk li talbu lil dik il-Qorti sabiex tiddikjara, fost oħrajn, li t-testment tat-30 t'April 2009 huwa null u bla effett. B'sentenza tal-21 ta' Marzu 2017, u li minnha ma sarx appell, ġie deċiż li ma kienx hemm prova ċara u konvinċenti li Alfred Mercieca ma kienx kapaċi skont kif trid il-liġi sabiex jersaq għat-testment in kwistjoni u għaddiet biex ċaħdet it-talbet tal-atturi.

**8.** Ġara li nonostante ingħatat dik is-sentenza li għaddiet in ġudikat fl-assenza ta' appell, il-konvenuti naqsu milli jħallsu l-legati mertu tal-kawża. Għalhekk fl-20 ta' Frar 2018 l-attriċi nomine interpellat lill-konvenuti permezz ta' ittra uffiċjali sabiex jersqu għall-ħlas tal-legati imsemmija fit-testment ta' Mercieca.

**9.** Il-konvenuti baqgħu inadempjenti u għalhekk l-attriċi ipproċediet sabiex tintavola l-kawża odjerna.

Ikkunsidrat;

**Il-Provi.**

10. Fl-affidavit tagħha **Dr. Michelle Tabone** spjegat li hija saret taf bit-testment ta' Alfred Mercieca wara ħu t-testatur stess kien ħadilha kopja informali tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fil-21 ta' Marzu 2017 (Rik Ġur 372/2012) fl-ismijiet Joseph Mercieca et vs. Geoffrey Falzon et. Spjegat li l-konvenuti kienu ġew interpellati bosta drabi. B'ittra tal-5 ta' Diċembru 2018, il-konvenuti rrispondew li kienu lesti li jsir pagament ta' "somma *una tantum* ta' għoxrin elf ewro (€20,000) a saldu ta' kull pretensjoni illi jista' jkollna bħala legatarji fil-konfront ta' dan il-wirt."[5]

---

[5] Fol 37 tal-proċess.

Waqt ix-xhieda tagħha tal-11 ta' Novembru 2021, Dr. Michelle Tabone ippreżentat digriet li bih inħatret bħala Ekonomu minn Monsinjur Arċipriet fis-sena 2004 u li ġie mġedded fis-sena 2015.[6] Ippreżentat ukoll digriet tat-3 t'April 1983 li permezz tiegħu l-Arċisoqf ta' dak iż-żmien iċċentralizza l-amministrazzjonijiet kollha Djoċesani u b'dak id-digriet ħa l-amministrazzjoni tagħhom u sar Amministratur tal-Entitajiet Ekklżjastiċi.[7]

In kontro-eżami ikkonfermat li wara l-ittra li intbagħtet mill-konvenuti b'offerta u bi stedina sabiex jiltaqgħu, huma ma kinux iltaqgħu għaliex din ma kinitx kwistjoni ta' *settlement* skont ix-xhud. Tikkonferma wkoll li ma ntbagħtet l-ebda risposta għall-aħħar ittra tal-kovnenuti fejn saret offerta u stedina għal-laqgħa.

11. Xehdet **Lorraine Attard** rappreżentanta tal-Bank HSBC fejn ħalfet li Alfred Mercieca kellu żewġ kontijiet mal-imsemmi bank fid-data tal-mewt tiegħu wieħed ta' natura *savings* li fih kien hemm l-ammont ta' €4,401.90 filwaqt li kien hemm ukoll *term deposit account* li fih kien hemm €60,000.

12. Xehdet **Johanna Bartolo** rappreżentanta tal-Bank of Valletta plc fejn ħalfet li fid-data tal-mewt ta' Alfred Mercieca huwa kellu tlett kontijiet mal-imsemmi bank, *savings account* li ingħalaq bis-somma ta' €1,935.09, it-tieni kont ukoll kien wieħed *savings* li ingħalaq fil-5 ta' Marzu 2012 mingħajr flus fih u kien hemm fixed term account fis-somma ta' €30,000 iżda fis-17 ta' Mejju 2012 il-flus inġibdu u ingħalaq dan il-kont.

13. Xehed il-konvenut **Geoffrey James Falzon** fejn spjega li huwa kien jaf li Alfred Mercieca kien ser iħalli lilu u lil martu bħala werrieta. Jgħid li xi xahar jew xahrejn wara li miet Mercieca, pero m'huwiex wisq ċert fuq meta, huma marru għand in-Nutar Sciberras Trigona. Ikkonferma li huma aċċettaw il-wirt ta' Alfred Mercieca. Ħalef li huma marru l-banek biex jittrasferixxi l-flus tad-defunt fil-kont tagħhom. Jgħid li s-somma kienet ta' xi €90,000 (€60,000 HSBC Bank u €30,000 BoV). Apparti l-flus kien hemm ukoll proprjetà. Jgħid li huwa ma seta' jagħmel xejn fuq il-legati għaliex il-familja tad-defunt kienu intavolaw proċeduri jikkontestaw il-validita tat-testment. Jgħid ukoll li wara li inqatgħet dik is-sentenza huwa m'għamel xejn anqas għaliex kien hemm proċeduri ta' separazzjoni għaddejjin bejn il-konvenuti. Il-proċedura ta'

[6] Fol 134 tal-proċess
[7] Fol 135 u 136 tal-proċess.

separazzjoni ġiet konkluża b'kuntratt bonarju. Jikkonferma li huma qatt ma ħallsu l-legati. In kontro-eżami kkonferma li l-kwistjoni għalfejn ma tax il-legat mhux għax mhux mistħoqq lill-Knisja terz tal-flus fil-banek lokali iżda għaliex hemm kontestazzjoni fuq minn meta jibda jiddekorri l-imgħax.

14. Il-konvenut xehed ukoll permezz t'affidavit fejn spjega li huma kienu intavolaw proċeduri quddiem il-Prim'Awla bin-numru 209/2012 sabiex jiżgumbraw lill-aħwa ta' Alfred Mercieca mill-proprjetajiet tiegħu u jingħataw iċ-ċwievet u kien hemm li saru jafu li l-aħwa ta' Mercieca kienu qed jikkontestaw il-validita tat-testment tiegħu. Il-kawża mill-aħwa Merċieca ġiet ippreżentata fil-11 t'April 2012, liema kawża ġiet deċiża fil-21 ta' Marzu 2017 fejn il-Qorti kkonfermat li t-testmemt ta' Alfred Mercieca kien wieħed validu. Jerġa jikkonferma li huma kienu ttrasferew il-flus li kellu fil-banek Alfred Mercieca pero' jgħid li dawn ma messewhomx. Jgħid li fit-3 ta' Lulju 2017, martu fetħet proċeduri ta' separazzjoni li intemmu bl-iffirmar ta' kuntratt fit-3 t'Ottubru 2019. Jgħid li jaf li fis-sena 2018 kienu għamlu offerta biex iħallsu somma flus għas-saldu tal-legati dovuti minnhom, għal-liema ma rċevewx risposta.[8]

15. Xehdet ukoll il-konvenuta **Claudette Falzon** fejn ikkonfermat li hija kienet taf li hija u żewġha kienu l-werrieta ta' Alfred Mercieca. Tgħid li hija kienet taf li kien hemm il-legati, iżda tgħid li r-riċerki min-Nutar ħadu żmien u wara kienet ġiet intavolata azzjoni mill-familjari ta' Alfred Mercieca jikkontestaw it-testment. Tikkonferma li wara li ġiet deċiża l-kawża tal-validita tat-testment huma xorta ma kkuntajtawx l-entitajiet konċernati u dan għaliex inqalgħu kwistjonijiet bejna u żewġha. Tgħid li għandhom żewġ kontijiet bankarji. Dejjem skont ix-xhud, wieħed mill-kontijiet fih €60,000 filwaqt l-ieħor fih €90,000 pero' lanqas hi ċerta dwar l-ammonti. Tikkonferma li wara li nqatgħet il-kawża tal-validita tat-testment, huma kienu irċevew ittra mill-Kurja u li kienu marru biha għand l-avukat.

Ikkunsidrat

**Eċċezzjonijiet preliminari.**

16. L-**<u>ewwel</u> eċċezzjoni <u>tal-</u>konvenuti** taqra hekk:

[8] Claudette Falzon għamlet affidavit tagħha fejn ikkonfermat dak li ingħad minn Geoffrey Falzon.

"Illi preliminarjament l-esponenti jeċċepixxu li r-rikorrenti nomine naqset milli tippreżenta kwalunkwe digriet jew awtorizzazzjoni li jagħtuha d-dritt li tistwixxi l-proċeduri odjerni f'isem l-Arċisqof ta' Malta".

17. Din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata meta Dr. Michelle Tabone ppreżentat id-digriet ta' Monsinjur Arċisqof tat-13 ta' Mejju 2015 li permezz tiegħu ħatar lill-attriċi Ekonomu tiegħu.[9] In oltre Dr. Michelle Tabone ippreżentat digriet ieħor tal-Kurja Arċiveskovili tat-3 t'Awwissu 1983[10] li permezz tiegħu l-amministrazzjonijiet kollha tal-enti djoċesani għaddew f'idejn il-Kurja Arċiveskovili. B'nota tal-Kurja Arċiveskovili maħruġa fit-12 t'Awwissu 1983, ġie spjegat li bid-digriet tat-3 t'Awwissu 1983 seħħet ċentralizazzjoni tal-amministrazzjoni tal-beni ekklesjastiċi li japparjentu lill-enti tal-Arċidjoċesi u wkoll li ebda enti ma tista' tintavola proċeduri quddiem il-Qorti u lanqas tista' tkun imħarka.[11]

18. In vista ta' dawn il-provi dokumentarji l-Qorti qed tiddikjara l-mertu tal-ewwel eċċezzjoni bħala eżawrit.

19. Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti eċċepew li l-azzjoni attriċi hija intempestiva peress li huma qatt ma rrifjutaw illi jgħaddu l-legati kif ordna t-testatur. Kif ser naraw aktar 'l isfel irriżulta illi l-ewwel il-konvenuti naqsu għal snin sħaħ milli javżaw lil-legatarji bl-eżistenza tat-testment u tal-legati in kwistjoni. U meta l-legatarji saru jafu mingħand terzi, il-konvenuti irrifjutaw li jagħtu l-informazzjoni rilevanti lill-attriċi nomine dwar id-depożiti bankarji u ppruvaw li jħallsu a saldu somma inferjuri għal dik verament dovuta. Għalhekk mhux minnu li l-kawża odjerna ġiet intavolata b'mod intempestiv. It-tieni eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat;

---

[9] Fol. 134
[10] Fol. 135
[11] **Artikolu 786 - Kap. 12** tal-Liġijiet ta' Malta: (1) L-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna li tidher jew tkun konvenuta fl-isem jew fl-interess ta' ħaddieħor ma tistax tingħata kontra l-ekonomu jew uffiċjal ieħor li jkun qiegħed jaqdi funzjoni ekwivalenti fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta u fil-Kurja Veskovili ta' Għawdex, jew kontra waħda mill-persuni msemmijin fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 180.

**Mertu.**

20. Il-Qorti tibda billi tinnota li l-konvenuti m'humiex qegħdin jikkontestaw dawn il-legati tant li fit-tielet eċċezzjoni tagħhom eċċepew li "l-esponenti ma jopponux għall-ewwel talba kif dedotta [...]" u ċioe li jiġi dikjarat li l-konvenuti bħala l-eredi ta' Alfred Mercieca, għandhom l-obbligu li jħallsu l-legati mniżżla fit-testment in atti tan-Nutar Henri Vassallo magħmul fit-30 ta' April 2009. Ġaladarba huwa ċar mit-testment bl-eżistenza ta' dawn il-legati u anke in vista li m'hemmx kontestazzjoni tal-legati l-Qorti sejra tgħaddi sabiex l-ewwel talba attriċi.

21. It-tieni talba attriċi tirreferi għal-legat imħolli lill-Parroċċa tal-Gżira, il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu. It-Tielet Artikolu tat-testment tat-30 t'April 2009 jistipula legat lil din il-parroċċa fis-somma ta' sebat elef ewro (€7,000) u għalhekk m'hemmx wisq x'wieħed jgħid fuq dak l-ammont.

22. Il-kontestazzjoni min-naħa tal-konvenuti huwa minn meta jibda jiddekorri l-imgħax fuqhom.

23. L-attriċi nomine fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tinsisti li "ġialadarba il-legati huma ta' natura ta' kapital li kien u għadu jipproduċi frottijiet, l-imgħax fuqhom jibda jiddekorri mid-data tal-mewt tat-Testatur"[12] u tgħaddi sabiex tagħmel referenza għall-Artikolu 728 tal-Kodiċi Ċivili. Tissottometti wkoll li "ż-żewġ legati mertu tal-kawża huma dwar kapital li, fil-ħajja tat-testatur, kienu jipproduċu frottijiet u li fid-data tal-mewt tat-testatur kienu għadhom qed jipproduċu frottijiet. Il-legat ta' €7,000.00 m'hemmx ħlief minn fejn jittieħed ħlief mill-kontijiet bankarji li kellu l-istess Alfred Mercieca ma' Banek lokali."[13] Il-konvenuti min-naħa tagħhom jirritjenu illi is-somma ta' €7,000 ma tikwalifikax bħala somma li tħalli frottijiet fit-termini tal-liġi għaliex ma hiex qed titħalla bħala somma li ġia qed tħalli imgħax. Iqisu għalhekk illi sabiex jibda jiddekorri l-imgħax kien qabel xejn meħtieġ li ssir l-interpellazzjoni uffiċjali.

24. Il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet sabiex tistabbilixxi sew minn meta għandu jibda jiddekorri l-imgħax kif ukoll ir-rata tal-imgħax applikabbli.

---

[12] Fol 201 – 202 tal-proċess.
[13] Fol 202 tal-proċess.

25. Tajjeb li neżaminaw il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-legati. Skond **Artikolu 836 tal-Kap. 16**:

> Il-pussess ta' ħwejjeġ il-mejjet igħaddi, bis-saħħa tal-liġi,b'mod ta' kontinwazzjoni, fil-werriet, sew jekk testamentarju jewleġittimu, bl-obbligu li jħallas il-piżijiet kollha tal-wirt

26. Dwar il-mument meta l-legat jgħaddi għand il-legatarju il-Qorti tqis illi skond il-ġurisprudenza prevalenti l-proprjeta' tal-legat tgħaddi għand il-legatarju mal-mewt tat-testatur filwaqt li l-pussess jgħaddi għand il-legatarju mal-att ta' immissjoni fil-pussess. F'dan ir-rigward ta' massima rilevanza hija s-sentenza *in parte* tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fl-ismijiet **Agnese Farrugia vs. Emanuel sive Noel Buttigieg et** mogħtija fl-4 ta' April, 2008:

> " ... (b) L-immissjoni fil-pussess hi mehtiega wkoll fejn il-legatarju hu wiehed mill-werrieta tat-testatur (ara f'dan is-sens **Rinaldo Wismayer vs Mario Wismayer nomine** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Marzu 1946 [Vol. XXXII.ii.264.]) u fejn il-legat hu deskritt bhala pre-legat. Hemm ukoll gurisprudenza li legatarju li ghandu l-pussess bil-kunsens tacitu tal-werrieta, m'ghandux bzonn li jaghmel domanda formali lill-werrieta sabiex ikun hemm pussess legittimu (ara **Vincenza Cassar vs Herbert L.W. Hare** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Novembru 1923 – Vol. XXV.i.659 u **Salvatore Sciberras vs Antonio Sciberras et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Marzu 1941 – Vol. XXXI.ii.23);
>
> (c) Jidher li fil-gurisprudenza lokali il-fehma l-iktar prevalenti hi li mal-mewt tad-decujus il-proprjeta' tal-legat tghaddi favur il-legatarju, mentri l-pussess hu trasferit lill-eredi; *"Ghandha ssir distinzjoni bejn il-pussess ta' legat u l-proprjeta` ta' l-istess legat; ghax il-pussess jghaddi 'per modum continuations' fl-eredi, u jkun l-identiku pussess li kellu d-decujus fil-gurnata tal-mewt tieghu, u ghalhekk il-legatarju hu obbligat jitlob il-pussess lill-eredi, mentri l-proprieta`, jew id-"dritt" ghal haga legata, ssir tal-legatarju mill-gurnata ta' l-apertura tas-successjoni bis-sahha unikament tad-dispozizzjoni testamentarja, minghajr in-necessita` ta' ebda att da parti tal-legatarju, u sahansitra ad insaputa tieghu, u kwindi indipendentement mill-immissjoni tieghu fil-pussess tal-legat"* (**Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et**

deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Gunju 1959 – Vol. XLIII.ii.759). Fil-kawza **Carmela Sammut vs Avukat Dr. Giuseppe Sacco nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Mejju 1955 (Vol. XXXIX.i.473) gie osservat: *"Hu ormai materja ta' jus receptum illi, ghalkemm il-proprjeta' tal-legat tghaddi, mal-mewt tad-decujus, favur il-legatarju, il-pussess tal-legat hu trasferit lill-eredi; ghalhekk tehtieg it-talba tal-legatarju ghall-pussess tal-legat (ara sent. Kollez. Vol. XXI p. 492; XXVIII. Pp 537-543; u Vol. XXIX.i.683)"*.

27. Ai termini tal-**Artikolu 726 tal-Kodiċi Ċivili,** huwa l-legatarju li għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa imħollija b'legat sew jekk huwa legat fruttiferu sew meta ma hux.

28. Ir-<u>regola ġenerali</u> dwar il-frottijiet jew imgħaxijiet fuq legat insibuha f'**Artikolu 727 tal-Kodiċi Ċivili**:

> "Il-legatarju ma jistax jitlob il-frottijiet jew l-imgħaxijiet tal-legat, ħlief minn dakinhar li jkun, imqar b'ittra uffiċjali, sejjaħ lill-werriet biex jikkunsinna jew iħallas il-legat, jew minn dakinhar li din il-kunsinna jew dan il-ħlas ikun ġie mwiegħed lilu."

29. Għalhekk ir-regola ġenerali hi li l-frottijiet jew l-imgħaxijiet tal-legat ma jmissux lil-legatarju ħlief mill-jum li fih permezz ta' att ġudizzjarju jsejjaħ lill-werrieta għall-ħlas jew għall-konsenja tal-legat, jew minn dakinhar li l-ħlas jew il-kunsinna tal-ħaġa legata tkun ġiet mwiegħda lilu.

30. Imbagħad **Artikolu 728 tal-Kapitolu 16** jipprovdi dwar <u>l-eċċezzjonijiet għar-regola</u> fis-sens illi :

> "L-imgħaxijiet jew il-frottijiet tal-ħaġa mħollija legat jibdew jgħaddu favur il-legatarju minnufih wara l-mewt tat-testatur, ukoll mingħajr

is-sejħa ġudizzjarja msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta t-testatur ikun espressament hekk ordna;

(b) meta l-legat ikun ta' fond, jew ta' kapital, jew ħaġa oħra li tagħti frottijiet."

31. In vista tan-natura tal-legati dovuti lill-attriċi nomine il-Qorti sejra taqsam il-kwistjoni ta' imgħaxijiet fuq żewġ binarji: (a) imgħax fuq legat ta' somma determinata mingħajr indikazzjoni ulterjuri u (b) imgħax fuq legat ta' somma flus da liquidarsi li jinsabu depożitati ma' banek kummerċjali.

32. Kif ġia ritenut, it-Tielet Artikolu tat-testment in eżami jirrigwarda somma determinata ta' €7,000 li għandha tingħata lill-Parroċċa tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, il-Gżira. Il-Qorti tosserva li fid-dispożizzjoni testamentarja in kwistjoni, it-testatur ma ordnax lill-eredi tiegħu biex iħallsu l-imgħaxijiet lil-legatarja. Indipendentement minn fejn kellha tittieħed is-somma imsemmija sabiex tiġi mgħoddija lill-legatarja, ma jirriżulta li dan il-legat jikwalifika bħala legat ta' kapital li jagħti l-frott.

33. In tema legali ssir referenza għas-sentenza **Paul Vella et vs. Grace Everest et** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Jannar 2017 fejn ġie ritenut li:

"L-art. 721(1) tal-Kodiċi Ċivili jgħid illi meta t-testatur iħalli legat pur u sempliċi, bħal dak li ħallew it-testaturi fil-każ tallum, il-legatarju (jew is-suċċessuri tiegħu) ikollu d-dritt li jirċievi l-ħaġa mħollija lilu bil-legat minn dakinhar tal-mewt tat-testatur. Madankollu, l-art. 726(1) tal-Kodiċi Ċivili jgħid illi "l-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa mħollija legat".

[...]

ladarba l-jedd tal-atturi ikkristallizza ruħu mal-ftuħ tal-wirt u kien oġġettivament determinabbli f'dak il-waqt, ma jistax jinbidel bil-

mogħdija taż-żmien. Fi kliem ieħor, l-atturi ma kellhomx l-għażla li jħallu ż-żmien jgħaddi qabel ma jitolbu l-ħlas tal-legat biex b'hekk il-legat jiżdied fil-valur, ladarba l-legat kien biss ta' jedd ta' kreditu u mhux ta' *ius in re*. Iż-żmien relevanti għalhekk huwa ż-żmien ta' meta nfetaħ il-wirt u l-atturi għandhom jedd għal sehem tal-valur kif kien dakinhar; jistgħu biss jitolbu l-imgħax fuqu taħt l-art. 728(b) jekk il-legat jitqies ta' kapital."

34. Ingħad fis-sentenza **Clemenitna Psaila vs. Andreana Ellul et** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Jannar 1957:

"kwantu għall-interessi mitluba, dawn ma humiex dovuti mill-ġurnata tal-mewt tat-testatur, kif hemm fit-talba, imma mill-ġurnata tal-ittra uffiċjali li biha l-konvenuti ġew interpellati għall-prestazzjoni tal-legat; u dan skond l-art. 764 tal-Kap 23 [Artikolu 727 tal-Kapitolu 16) il-każ preżenti mhux wieħed minn dawk imsemmija fl-art 765 ta' dak il-Kap [Artikolu 728 Kapitolu 16] billi t-testatur ma ordnax espressament li l-imgħax jibdew jgħaddu mill-mewt tiegħu; u l-<u>legat jikkonsisti f'somma ta' flus in generali, u mhux kapital fruttiferu</u>, għax ma rriżultax li dik is-somma hi, jew kienet, impjegata f'rediniment ta' imgħax ("Vella vs. Mifsud Speranza" Kollez. XXIX-II-401; "Cardona vs. Laiviera", P.A. 28 ta' Novembru 1956)". (sottolinear ta' din il-Qorti)

35. Fis-sentenza **L-Avukat Dottor Albert Ganado noe vs. Beatrice sive Bice Borg et** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Jannar 1970 ġie dikjarat:

"Illi l-attur noe beda biex jippretendi li l-interessi fuq il-legat huma dovuti mill-mewt tat-testatriċi. Iżda fuq dan il-punt il-Qorti taqbel mal-kontestazzjoni tal-konvenuta fuq l-istregwa tad-deċiżjoni minnha ċitata fid-dikjarazzjoni tagħha (Carabott vs. Carabott, P.A. Vol XXXIII,II,142) u tad-dottrina (Ricci) u tal-ġurisprudenza taljana, imsemmija f'dik id-deċiżjoni, li tinterpreta l-artikolu 865 tal-Kodiċi Ċivili taljan tal-1865 li fih l-istess lokuzzjoni identika bħal tagħna "capitale o altra cosa fruttifera". (Fadda Vol. IV art 864 -865, para 26 -27) [...] Kif intqal fil-ġurisprudenza taljana kollha ċitata fil-Fadda bil-kliem 'capitali o altra cosa furttifera" il-leġislatur ried jaċċenna għal somma ġia' kostitwenti kapital "impiegato in antecedenza" u mhux sempliċi somma in genera, u kif intqal speċifikament fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Bologna tat-2 ta' Marzu 1894 fid-deċiżjoni Istituto Ciechi e opera pia Cordi "La semplice circostanza che il legato consiste in una somma di denaro non basta a far decorrere di pieno diritto gli interessi a favore del legatario dal giorno della morte del testatore, ma e' necessario che tale somma sia un capitale fruttifero, vuole a dire impiegato allo scopo di far decorrere gli interessi. Nel primo caso si fa una semplice legato di quantita non un

legato di specie e gli interessi decorrono dalla domanda" (Monitore Guiridico di Bologna, 1894, 113). Għalhekk kif tajjeb sostniet il-konvenuta m'għandux japplika l-artikolu 765 [Artikolu 728] tal-Kodiċi għax is-somma legata ma kienetx kapital jew ħaġa oħra fruttifera u l-pagament tal-interessi lanqas ma kien ordnat fit-testment, imma għandu japplika l-artikolu 764 [artikolu 727] [...] Dana l-artikolu jidher li jikkostitwixxi r-regola a distinzjoni mill-artikolu 765 [Artikolu 728] li, bħala eċċezzjoni għal din ir-regola, għandu dejjem jiġi interpretat restrittivament. Il-loġika ta' din il-konklużjoni għandha imbagħad iżjed tispikka meta wiehed jikkonsidra b'liema faċilita l-liġi tippermetti li l-legatarju, jekk jippretendi l-interessi, jista jikkonsegwihom anke meta huma ma jiddekorrux ipso jure, ċioe b'sempliċi ittra uffiċjali ......"

36. Mill-ġurisprudenza appena ċitata jidher ċar li meta s-somma tkun waħda ġenerali ma jistax jitqies li hija kapital investit (u li allura jrendi xi frott), skont it-tieni sub-inċiż tal-Artikolu 728, iżda huwa legat ta' somma ta' flus sempliċi.[14] Fil-każ odjern meta t-testatur ħalla s-somma ta' €7,000 b'legat lill-parroċċa tal-Gzirja ma speċifikax li l-flus li kien qed iħalli kienu flus partikolari investiti ma' xi bank jew ma' xi istituzzjoni finananzjarja oħra. **Għalhekk il-Qorti tqis illi fir-rigward tas-somma ta' €7,000 l-imgħax beda jiddekorri mid-data li l-legatarju sejjaħ permezz ta' ittra uffiċjali lill-konvenuti qua werrieta universali sabiex iħallsu il-legat u dan fit-termini tal-Artikolu 727 tal-Kapitolu 16.**

**37. Fil-każ odjern l-attriċi nomine interpellat lill-konvenuti għall-ħlas tal-legat bis-saħħa ta' ittra uffiċċjali ppreżentata fl-20 ta' Frar 2018[15]. Għaldaqstant l-imgħax legali fuq is-somma ta' €7,000 jibda jiddekorri minn tali data.[16]**

---

[14] Ara **Clyde Meli vs. Maurice Pace Decesare et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili l-24 ta' Mejju 2002.

[15] Kopja tal-ittra uffiċjali a fol. 28

[16] **Kap. 16 -**
**Artikolu 1047**
**(1)**: Il-ħsara li tikkonsisti f'illi ttellef lil persuna l-użu tal-flus tagħha, tissewwa bil-ħlas tal-imgħaxijiet li jinqiesu bit-tmienja fil-mija fis-sena.
**Artikolu 1141**
**(1)** Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.
**(2)** F' kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.

38. Imiss issa jiġi meqjus ir-**Raba' Artikolu tat-testment** in eżami, fejn it-testatur ħalla b'titolu ta' legat lid-Dar tal-Provvidenza, **terz tal-flus kollha li jkollu depożitati fil-Banek lokali fil-ġurnata tal-mewt tiegħu** li eventwalment seħħet fit-12 ta' Novembru 2011.

    Mir-rendikonti bankarji ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank HSBC jirriżulta li fil-jum tal-mewt tat-testatur kien hemm *fixed account* b'depożitu ta' €60,000[17] filwaqt li s-*savings account* kellu fih €4,475.17[18]. Il-Qorti tinnota li din l-aħħar somma jidher li inħarġet mill-bank fl-4 t'April 2012 biex b'hekk dak il-kont ġie magħluq. Il-kont fiss li kellu mal-istess bank kien għal terminu ta' sena u ingħalaq fl-4 t'April 2012. Kont ieħor fiss li t-testatur kellu kien fis-somma ta' €30,000 marbuta mal-BoV, liema somma ġiet irtirata mill-konvenuti fis-17 ta' Mejju 2012 u l-kont ingħalaq. Il-Qorti tosserva wkoll li nonostante li wieħed mill-kontijiet li kellu t-testatur mal-BoV ingħalaq bis-somma ta' €1,856.09[19], ftit jiem wara li miet it-testatur, inġibdet is-somma ta' €4,642.74 biex b'hekk fil-mument proprju tal-mewt, il-kont kien fih €6,565.01.[20] Jidher pero' li s-somma ta' €4,642.74 inġibdet mill-konvenuti sabiex tħallsu l-ispejjeż tal-funeral tat-testatur. Il-Qorti tinnota illi skond ir-Raba' Artikolu tat-testment, il-legat imħolli lid-Dar tal-Provvidenza kellu jiġi kalkolat wara li jitnaqqsu "s-somom mhollija b'titolu ta' legat f'Artikolu numru tlieta u erbgha". F'dan ir-rigward jidher li l-kopja tat-testment eżebita għandha żball dattilografu għaliex ir-referenza fir-Raba Artikolu għal artikolu erbgħa ma jagħmilx sens. Huwa evidenti illi r-referenza għall-ammonti li kellhom jiġu ridotti qabel il-komputazzjoni tas-somma dovuta b'legat riedet tkun "f'Artikolu numru tnejn u tlieta" u mhux għal "Artikolu tlieta u erbgha". Għalhekk il-Qorti ser tqis illi mis-somma globali li ser tirriżulta depożitata mal-banek trid titnaqqas is-somma ta' €4,600 kontemplata fit-tieni artikolu tat-testment u s-somma ta' €7,000 kontemplata fit-tielet artikolu tat-testment, b'kollox €11,600.

39. **Jirriżulta mill-evidenza prodotta illi fid-data tal-mewt tiegħu it-testatur kellu ma' HSBC Bank total ta' €64,475.17 filwaqt ma' BoV kellu s-somma globali ta' €31,856.09. It-total finali huwa ta' €96,331.26. In linea ma' dak**

---

[17] Fol 76 tal-proċess.
[18] Fol 79 tal-proċess.
[19] Fol 86 u 87 tal-proċess (Dok JB2).
[20] L-Ewwel Artikolu: "It-testatur jhalli b'titolu ta' legat is-somma ta' erbat elef u sitt mitt Euro (€4,600) sabiex isirlu funeral bit-tebut tal-prima klassi [...]"

**li jipprovdi r-Raba' Artikolu kif fuq interpretat minn din is-somma trid titnaqqas is-somma ta' €11,600.00 b'dan illi il-legat dovut lid-Dar tal-Providenza tas-Siġġiewi qed jiġi likwidat fis-somma ta' tmienja u għoxrin elf, mitejn u tlieta u erbgħin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€28,243.75).**[21]

40. Hekk likwidat l-ammont li d-Dar tal-Provvidenza wirtet b'titolu ta' legat, imiss issa jiġi diskuss l-imgħax pretiż mill-attriċi nomine fuq dan il-legat.

41. Dwar **Artikolu 728 tal-Kap. 16** issir referenza għas-sentenza **Elena Borg vs. Victor Casolani et noe** mogħtija mill-Prim'Awla fil-15 ta' Marzu 1965 fejn ġie ritenut li:

> "Il-lokuzzjoni tal-liġi "li tagħti frottijiet" bl-ingliż "producing fruits", għandha tiġi intiża mhux fis-sens illi si tratta ta' ħaġa li tista' tipproduċi frutti imma li ipproduċiethom. Hekk ġie ritenut minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Gioavanna Carabott vs. Generoso Carabott et deċiża fid-29 ta' Novembru 1947 (VOL XXXII, ii,142) fejn intqal hekk: Jgħid sewwa Ricci Vol III paġ 886, para. 393 "Per capitale fruttifero non deve intendersi una somma di denaro che e' capace a prodursi interessi bensi' qual denarao che, trovandosi gia investito dall stesso testatore, e' stato destinato a produrre interessi." Dan qalu b'kumment għall-art 865 tal-Kodiċi Taljna li hu bħal dak tal-Kodiċi Malti bl-istess lokuzzjoni alternattiva "capitale od altra cosa fruttifera, kif fl-art 765 (art 728) tagħna jingħad "kapital jew ħaġa oħra li tagħti frottijiet". Liema lokuzzjoni, in forza tar-regola interpretattiva tal-"eisdem genersi" turi ċar li anki l-kapital għandu jkun fruttiferu; dan apparti li l-kelma "kapital" waħedha, a differenza tal-kelma "somma" ghandha tfisser somma impjegata bil-lukri. Il-ġurisprudenza estera kienet ukoll dejjem f'dan is-sens (ara deċisjonijiet rapportati fil-Fadda art 864, 865, para 26 bis; 27 etc)"[22]

42. Legat ta' flus depożitati fil-banek huwa meqjus kapital li jagħti l-frottijiet fit-termini tal-Artikolu 728 (b) tal-Kap. 16. Mix-xhieda tar-rappreżentanti tal-

---

[21] 96,331.26 - 11,600 = 84,731.26 ÷ 3 = 28,243.75

[22] Ara wkoll **Maria Assunta Mallia pro et noe vs. Rev. Arċipriet Dun Frankie Bajada** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali) mogħtija fid-9 t'Ottubru 2018.

banek u d-dokumenti minnhom ippreżentati jirriżulta li l-kontijiet bankarji relativi kienu qed irendu imgħax. Hekk per eżempju kont bankarju mal-BoV bin-numru 40018178418[23] b'kapital ta' €30,000 ħalla fis-16 ta' Mejju, 2012 imgħax ta' €610.00 u dan peress li kien kont fiss b'rata ta' imgħax ta' tnejn fil-mija (2%). Il-konvenuti għażlu li jagħlqu dan il-kont fis-17 ta' Mejju 2012 meta immatura u ġibdu sew il-kapital kif ukoll l-imgħax imsemmi. L-istess għamlu fir-rigward tal-kontijiet bankarji l-oħra.

43. Stabbilit illi flejjes fil-bank huma meqjusa kapital fruttiferu fejn l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tal-mewt tat-testatur fit-termini tal-Artikolu 728 tal-Kap. 16, imiss issa naraw jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ il-Qorti għandiex tordna l-imgħax mid-data tal-mewt tat-testatur, kif tippretendi l-attriċi nomine, jew inkella minn data posterjuri, kif jippretendu l-konvenuti.

44. Fil-<u>11 ta' April 2012</u> ħut it-testatur intavolaw kawża quddiem il-Prim'a Awla kontra l-konvenuti odjerni fejn talbu lill-Qorti:

> 1. Tiddikjara li meta d-defunt Alfred Mercieca ghamel it-testment tat-30 ta' April 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Henri Vassallo u kull testment iehor minnu maghmul qabel, l-imsemmi Alfred Mercieca ma kienx jippossjedi l-fakultajiet mentali tieghu, b'mod li ma setghax japprezza dak Ii qed jaghmel;
>
> 2. Tiddikjara li l-kunsens moghti mill-imsemmi defunt fuq l-imsemmi testament u kull testment iehor precedentement maghmul kien wiehed vizzjat stante li ma kellux il-fakoltajiet mentali u intellettwali kollha kif fuq inghad;
>
> 3. Tiddikjara u tiddecidi li t-testment fl-atti tan-Nutar Dottor Henri Vassallo tat-30 ta' April 2009, li permezz tieghu d-defunt Alfred Mercieca halla bhala eredi universali lill-konvenuti u kif ukoll kull testment iehor precedentement huma ghal kollox nulli u bla effetti fil-ligi minhabba nuqqas ta' kapacita tal-istess defunt Alfred Mercieca li b'xi mod jiddisponi;
>
> 4. Tiddikkjara konsegwentament, li l-atturi huma l-unici eredi u successuri tad-defunt Alfred Mercieca.

[23] Prospett a fol. 88

45. Dik il-kawża ġiet deċiża fil-21 ta' Marzu 2017 fejn it-talbiet tal-atturi ġew miċħuda. Minn dik is-sentenza ma ġie intavolat l-ebda appell.

46. Żewġ domandi jinsorġu f'dan l-istadju. Tenut kont li t-testment li bis-saħħa tiegħu l-istess attriċi nomine qed issejjes il-kawża odjerna ġie impunjat lura fis-sena 2012 b'sentenza definitiva fis-sena 2017; kien mistenni mill-konvenuti li jħallsu l-legati mertu tal-kawża odjerna fl-inċertezza jekk kienux l-eredi universali tat-testatur kif ukoll fl-inċertezza dwar il-validita tal-legati mertu tal-kawża odjerna? Huwa minnu kif tissottometti l-attriċi nomine li l-konvenuti ma għamlu l-ebda tentativ sabiex jinformaw lil-legatarji bil-legat lilhom imħolli. Tant illi skond ma xhedet l-attriċi nomine fl-affidavit tagħha, kien biss wara s-sentenza tal-21 ta' Marzu, 2017 li ħu t-testatur għadda lill-Kurja kopja tas-sentenza u kien minn hemm li l-attriċi bdiet tinvestiga dwar dawn il-legati. Qabel dakinhar il-Kurja ma kienet informata b'xejn la mill-konvenuti u lanqas minn ħaddieħor dwar dawn il-legati. Interessanti illi lanqas matul is-smiegħ tal-kawża fuq imsemmija ma l-konvenuti deherilhom li għandhom javzaw lill-legatarji li kien qed jiġi attakkat anke l-legat tagħhom.

47. Pero' fi kwalunkwe każ, jibqa' l-fatt illi sakemm inqatet dik il-kawża b'mod definittiv, il-validita' tat-testment, u allura anke tal-legati, kienet inċerta. Il-Qorti tħoss illi f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari ma kienx mistenni li l-konvenuti iħallsu l-legati bir-riskju illi jekk jitilfu dik il-kawża u t-testment jiġi mħassar isibu ruħhom f'sitwazzjoni fejn ikollhom jitolbu lura dak li jkunu ħallsu.

48. Ta' l-istess ħsieb hija s-sentenza **Doris Catania et. vs. Evelyn Farrugia et.** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-26 ta' Ottubru, 2022 fejn il-legat ma tħallasx peress li t-testment kien ġie impunjat:

> "11. Huwa minnu illi, sakemm ma jkunx hemm sentenza li tgħid illi ma jiswiex, testment impunjat ikun jiswa u għalhekk, fil-każ tal-lum, is-soċjetà konvenuta setgħet titqies werrieta minnufih wara l-mewt tat-testatur, setgħtet tieħu f'idejha pussess tal-assi tal-wirt, u setgħet ukoll tħallas il-legat biex tevita li jibdew għaddejjin l-imgħaxijiet.
>
> 12. Il-konvenuta Farrugia iżda, fittxet li tħassar it-testment kollu kemm hu, mhux biss il-ħatra ta' werriet iżda l-legat ukoll, u għalhekk, li kieku rnexxiet, u t-testment jitqies null ab initio b'effett ex tunc, kull ħlas ta' legat magħmul mis-soċjetà kien ikun magħmul sine causa u Farrugia kien

ikollha jedd titlob lura l-legat mhux biss mingħand il-legatarja, li tkun irċevietu sine causa, iżda wkoll mingħand is-soċjetà talli din tkun naqqset l-assi tal-wirt bla ma kellha jedd jew setgħa li tagħmel hekk.

13. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk ma kienx ikun għaqli għas-soċjetà li tħallas il-legat qabel ma l-kawża mibdija mill-konvenuta Farrugia tkun inqatgħet finalment, u ma setgħetx raġonevolment tkun mistennija tieħu r-riskju illi, jekk lil Farrugia ma jseħħilhiex tieħu l-flus lura mingħand l-attriċi, ikollha tagħmel tajjeb hi. ......"

49. Din l-inċertezza pero' ġiet fi tmiemha ma' l-għeluq tat-terminu tal-appell mis-sentenza tal-21 ta' Marzu, 2017, u ċioe' fl-10 ta' April 2017. Meta ġew interpellati diversi drabi mill-attriċi nomine permezz ta' ittri interpellatorji sabiex jagħtu rendikont tal-kontijiet bankarji u jħallsu l-legati dovuti, il-konvenuti irrispondew li kienu qed joffru li jħallsu s-somma ta' €20,000 għas-saldu tal-obbligu tagħhom versu l-legatarji. Liema offerta ma ġietx aċċettata tant li fl-20 ta' Frar 2019 l-attriċi nomine intavolat ittra uffiċjali kontra l-konvenuti fejn għal darb' oħra ġew interpellati sabiex jimmittu lill-legatarji fil-pussess tal-legati lilhom imħollija. Peress li l-konvenuti baqgħu inademjenti l-attriċi għaddiet sabiex intavolat il-kawża odjerna.

50. Kif jirriżulta mill-provi akwiżiti fil-kawża odjerna, is-somma ta' €20,000 offerta għas-saldu mill-konvenuti ma kenitx tirrifletti ġenwinament u fedelment l-ammont verament dovut lid-Dar tal-Provvidenza. Il-provi issufrugaw lill-attriċi li ma aċċettatx dik l-offerta tal-konvenuti. Għalhekk il-Qorti tqis illi mill-10 ta' April, 2017 'il quddiem il-konvenuti ma kellhom l-ebda raġuni valida sabiex ma jħallsux il-legati dovuti lill-legatarji in ottemperanza mat-testment de quo bil-konsegwenza li minn dakinhar għandu jitqies li beda jiddekorri l-imgħax legali.

51. Tenut kont illi il-legat jikkonsisti f'kapital fruttiferu jibqa' sabiex jiġi kkonsidrat il-perijodu bejn id-data tal-mewt tat-testatur u d-data tal-ġudikat tas-sentenza fuq imsemmija. Jirriżulta illi l-flus depożitati maz-zewg banek kienu qed irendu imgħax; minn tnejn fil-mija (2%), min anqas. Il-konvenuti għażlu illi jiżbankaw il-flejjes kollha fiż-żewġ kontijiet bankarji. €60,000 mal-HSBC kienu depożitati b'imgħax ta' tnejn fil-mija (2%) filwaqt li somma ta' €30,000 kienet depożitata mal-Bank of Valletta ukoll bl-imgħax ta' tnejn fil-mija (2%). Kienet għażla tal-konvenuti li l-flus dovuti lil-legatarji ma jibqgħux

hekk depożitati. Il-konvenuti ma ġabu l-ebda prova illi waqt il-perijodu ta' inċertezza pendenti l-kawża ta' impunjazzjoni tat-testment għamlu dak kollu possibbli sabiex il-flus talvolta dovuti lil-legatarji jibqgħu irendu imgħax mill-bank. Fil-fehma tal-Qorti anke f'dak il-perijodu ta' inċertezza l-konvenuti kienu fid-dover qua eredi li jimminimizzaw id-danni tal-legatarji. In-nuqqas tagħhom irendihom responsabbli sabiex jagħmlu tajjeb għall-frottijiet li l-flus depożitati fil-banek kellhom irendu sakemm jingħaddu lil-legatarji wara li tinqata definittivament il-kawża ta' impunjazzjoni tat-testment.

52. Għalhekk il-Qorti tqis illi fuq is-somma dovuta lid-Dar tal-Provvidenza il-konvenuti għandhom iħallsu lill-attriċi nomine imgħax ta' tnejn fil-mija (2%) mit-12 ta' Novembru 2011 sad-9 ta' April 2017 u minn hemm 'il quddiem bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%), sad-data tal-effettiv pagament.

**Spejjeż.**

53. Fir-rigward tal-ispejjeż, il-Qorti kkonsidrat illi filwaqt li huwa minnu illi it-talbiet tal-attriċi nomine referibbli għall-imgħax ma rriżultawx kollha fondati; fl-istess ħin irriżulta illi din il-kawża kien faċilment tiġi evitata kieku appena ġiet deċiża l-kawża ta' impunjazzjoni tat-testment il-konvenuti informaw lill-attriċi nomine bl-eżistenza tat-testment u tal-legati u għaddewlha l-informazzjoni kollha relativa għad-depożiti bankarji li kellu d-decujus. Minflok għamlu minn kollox sabiex l-attriċi nomine ma ssirx taf b'dawn il-legati u meta saret taf minn sorsi oħra, il-konvenuti anke f'dak l-istadju ippruvaw ma jonorawx fedelment l-intenzjoni tat-testatur. Kieku l-konvenuti imxew mill-ewwel kif kellhom id-dover li jimxu qua eredi universali kien hemm probabilita' tajba li din il-kawża tiġi evitata. Fin-nuqqas ta' evidenza dwar id-depożiti bankarji, l-attriċi nomine ma kellha l-ebda triq oħra ħlief li tintavola l-kawża odjerna. Għalhekk il-Qorti tqis li f'dawn iċ-ċirkostanzi il-konvenuti għandhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża,

**Decide**

Għal dawn il-mottivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. **Tiddikjara** l-mertu tal-ewwel eċċezzjoni eżawrit;

2. **Tiċħad** it-tieni eċċezzjoni tal-intempestivita' in kwantu irriżulta illi l-konvenuti riedu jħallsu a saldu tal-legati mertu tal-kawża ammont inferjuri għal dak verament dovut magħruf sew lilhom sa mill-ewwel xhur wara l-mewt tat-testatur lura fis-sena 2011;

3. **Tilqa'** ***in parte*** s-sitt eċċezzjoni in kwantu in vista tal-kawża ta' impunjazzjoni tat-testment kien hemm stat ta' inċertezza legali dwar il-legati mertu tal-kawża, liema inċertezza pero' intemmet b'effett mill-10 ta' Novembru, 2017.

4. **Tilqa'** ***in parte*** is-seba', it-tmien u disa' eċċezzjoni konformement ma' dak hawn fuq ikkonsidrat u deċiż;

5. **Tiċħad** l-għaxar eċċezzjoni in kwantu kienet għażla unilaterali tal-konvenuti li ma jinformawx lill-attriċi nomine la bil-legati mertu tal-kawża u lanqas bil-kawża ta' impunjazzjoni tat-testment;

6. **Tiddisponi** mill-kumplament tal-eċċezzjonijiet konformement mal-konsiderazzjonijiet fuq magħmula;

7. **Tilqa'** l-ewwel talba, tiddikjara illi l-konvenuti, bħala l-eredi ta' Alfred Mercieca, għandhom l-obbligu li jħallsu l-legati mniżżla fit-testment in atti tan-Nutar Dottor Henri Vassallo datat 30 ta' April 2009;

8. **Tilqa'** ***in parte*** it-tieni talba, tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi Parroċċa tal-Gżira, il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, is-somma ta' sebat elef Ewro (€7,000.00) ai termini tat-Tielet Artiklu tat-Testment ta' Alfred Mercieca in atti Nutar Dottor Henri Vassallo datat 30 ta' April, 2009 flimkien mal-imgħax legali mhux kif mitlub iżda mill-20 ta' Frar 2018 sad-data tal-pagament effettiv;

9. **Tilqa'** ***in parte*** t-tielet talba, tillikwida l-legat dovut lid-Dar tal-Provvidenza rappreżentanti t-terz ta' flus li kellu depożitati Alfred Mercieca fil-Banek Lokali fid-data tal-mewt tiegħu, nieqes is-somma ta' €11,600 rappreżentanti il-legati msemmija fit-Tieni u fit-Tielet Artikolu tat-testment, fis-somma ta' tmienja u għoxrin elf, mitejn u tlieta u erbgħin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€28,243.75);

10. **Tilqa *in parte*** r-raba’ talba, tikkundanna lill-konvenuti iħallsu lill-attriċi nomine il-legat dovut lid-Dar tal-Provvidenza fis-somma likwidata ta’ €28,243.75 bl-imgħax mhux kif mitlub, iżda in kwantu għall-perijodu mit-12 ta’ Novembru, 2011 sad-9 ta’ April, 2017 bl-imgħax bir-rata ta’ tnejn fil-mija fis-sena (2% p.a.) u in kwantu b’efettt mill-10 ta’ April, 2017 sad-data tal-effettiv pagament bl-imgħax legali ta’ tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.).

**Bl-ispejjeż** kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Robert G. Mangion**
**Imħallef**
28 ta’ Frar 2023

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**